# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 23 ta' April, 2001**

**Numru 23**

**Cit. Nru. 179/94 MM**

**Simon Fenech ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Simon Fenech Limited**

**vs**

**Victor u Carmen Scicluna**

**Il-Qorti;**

**<u>L-att tac-citazzjoni</u>**

Is-socjeta' attrici pprocediet kontra l-konvenuti b'dan l-att tac-citazzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri biex dawn jigu kkundannati jhallsu l-prezz ta' sett borom lilhom mibjugha u konsenjati.

"L-attur nomine ippremetta illi fil-15 ta' Mejju tal-elf disa' mija u tlieta u disghin (1993) il-konvenuti ghamlu ordni ta' set borom AM Multi System liema sett gie konsenjat lill-konvenuti mill-attur fis-7 ta' Marzu 1994;

U illi l-ammont ta' tmien mija u erbgha liri (Lm804) kien dovut kif jidher mill-anness dokument "A" "*on delivery*" izda dan l-ammont baqa' ma hallasx nonostante s-sejha ghall-hlas;

Talab lill-konvenuti jghidu ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti:-

1. Tiddikjara lill-konvenuti debituri versu l-attur fl-ammont ta' Lm804;

2. Tikkundannahom ihallsu lill-attur l-ammont ta' Lm804.

Bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika tac-citazzjoni u bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni."

**<u>Eccezzjonijiet</u>**

Il-konvenuti eccipew fl-ewwel lok ghat-talba attrici illi huma ma ghamlu l-ebda ftehim u ma ghamlu ebda ordni lill-attur nomine fil-15 ta' Mejju 1993. Eccezzjoni din formali li giet sorvolata fil-kors tat-trattazzjoni u li ma ghandhiex in kontestazzjoni bejn il-kontendenti.

Fil-mertu, il-konvenuti eccipew illi huwa minnu illi f'data ohra, huma kienu ordnaw sett borom sussegwentement ikkonsejat lilhom, izda s-sett ikkonsenjat ma kienx tal-kwalita' pattwita billi dak ordnat gie espressament deskritt bhala manifatturat il-Germanja, li ma rrizultax li huwa minnu fil-kaz tal-borom ikkonsenjati lill-istess konvenuti.

**Decide**

B'sentenza tas-27 ta' Ottubru, 1998, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri ddecidiet il-kawza billi laqghet it-talbiet ta' l-attur u ddikjarat lill-konvenuti debituri versu lejh fl-ammont ta' Lm804 u kkundannathom ihallsu lill-istess attur din l-istess somma. L-ispejjez kontra l-istess konvenuti.

**Motivazzjoni tas-sentenza appellata**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha;-

> "Illi rrizulta mill-provi illi l-kumpanija attrici hija agenta hawn Malta d-ditta estera maghrufa bhala AMC. Dawn l-ittri jfissru Alpha Metalcraft Corporation AG. Din id-ditta timmanifattura, fost affarijiet ohra, borom ta' certa kwalita' illi huma mibjugha tramite s-sistema *Door-to-Door* permezz ta' *salesman*. Irrizulta illi s-*salesman* tal-kumpanija attrici mar ghand il-konvenuti u dawn thajru jixtru dawn il-borom. L-ordni saret fil-15 ta' Mejju tal-elf disa' mija tlieta u disghin (1993) kif jidher mid-dokument "A" u l-konsenja saret 'il ghada fis-16 ta' Mejju tal-elf disa' mija u tmienja u tmenin (1988) (sic) skond id-dokument "B" illi huwa l-kuntratt tal-bejgh. Fost il-kondizzjonijiet illi hemm f'dan il-kuntratt hemm il-paragrafu hamsa (5) illi huwa "*termination by customer*" u li jaghmel referenza ghall-artikolu tmienja (8) ta' l-Att numru VII/1987 liema Att jawtorizza lix-xerrej li fi zmien hmistax-il (15) gurnata jkun awtorizzat illi jirrexxindi dan il-kuntratt minghajr ma hemm bzonn illi jaghti raguni.
>
> Il-konvenuti pero' mhumiex qeghdin juzufruwixxu ruhhom minn dan it-terminu peress illi dan ghadda inutilment u minflok qeghdin jopponu t-talba tal-kumpanija attrici tramite l-ligijiet tal-Kodici Civili fejn qeghdin jghidu illi l-merkanzija ma kenitx tal-kwalita' pattwita. Spjegaw illi huma thajjru illi jixtru dawn il-borom peress illi s-

*salesman* kien qal illi dawn il-borom huma manifatturati l-Germanja mentri skond id-dokumenti illi huma ghandhom irrizulta illi dawn mhumiex hekk manifatturati.

Fil-kors ta' din il-kawza l-borom gew depozitati taht l-awtorita' tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

Illi jibda biex jinghad illi minkejja illi t-terminu koncess tramite l-artikolu 8 tad-"*Door-to-Door Salesman Act*" ghadda inutilment u ghalhekk ghall-fini u effetti tal-ligi l-kuntratt bejn il-konvenuti u l-kumpanija attrici gie konkjuz, il-konvenuti xorta ghandhom id-dritt jitolbu l-kancellament tal-kuntratt tramite d-dispost tal-Kodici Civili (ara sentenza "Godfrey Aquilina et versus Vincent u Juliana Borg" deciza mill-Prim'Awla fl-10 ta' Marzu tal-elf disa' mija sebgha u disghin (1997)). Il-konvenuti ghalhekk huma intitolati jopponu dan il-bejgh peress illi skond huma l-merkanzija konsenjata ma kenitx ta' kwalita' pattwita. Dan gie spjegat aktar fid-dettal fis-sens illi giet konsenjata merkanzija illi ma kenitx manifatturata l-Germanja kif originarjament kien gie miftiehem bejn il-partijiet.

Il-Qrati taghna kellhom okkazzjoni jiddeciedu dan il-punt fejn ikkonkludew illi l-post ta' l-origini ta' prodott kellu jitqies bhala rekwizit essenzjali f'kuntatt ta' bejgh (ara kawza "Nicholas Borg versus Marco Farrugia" deciza mill-Qorti tal-Kummec fit-28 t'Ottubru 1992). Il-kwistjoni li trid tigi ventilata minn din il-Qorti f'dan l-istadju huwa jekk fil-fatt kienx hemm xi element ta' frodi minn naha tal-kumpanija attrici meta rreklamat il-prodott bhala manifatturat f'post u fil-fatt irrizulta mod iehor.

Ikkunsidrat:-

Illi rrizulta mill-provi illi huwa minnu illi s-*salesman* tad-ditta attrici kien irreklama l-prodott tieghu bhala maghmul il-Germanja. Huwa veru wkoll illi d-dokumentazzjoni kollha illi ntbaghtet mal-merkanzija hija bit-Taljan u jidher illi dan gie spedit minn centru l-Italja. Id-direttur tal-kumpanija attrici Simon Fenech spjega illi d-ditta AMG hi fil-fatt ditta Germanzia pero' b'ambiti internazzjonali fejn ghandha *distribution centres* mad-dinja kollha. Fil-fatt minhabba s-suq zghir ta' Malta dan jigi *serviced* minn *distribution centre* fl-Italja u ghalhekk il-merkanzija illi jircievu Malta tigi minn dan id-*distribution centre* ta' l-Italja u huwa ghalhekk illi d-dokumentazzjoni kollha li tigi ma' dawn il-borom hija bit-Taljan. Biex ikompli jsostni t-tezi tieghu l-attur esebixxa ittra li rcieva mill-awturi tieghu fl-Italja, dokument "SF1" a fol 64 fejn tghid fejn tghid

illi l-parti l-kbira tal-prodotti kommercjalizzati mill-AMC Italia "provengono dall'estero e per lo piu' dalla Repubblica di Germania". Fil-fatt minn ezami dettaljat tal-*brochures* u dokumentazzjoni ohra mibghuta ma' dawn il-borom jidher illi hemm indirizz il-Germanja minn fejn jidher illi gew spediti dawn il-borom. Taghmilha cara pero' illi mhux inidirizz wiehed hemm; minbarra l-indirizz ta' l-Italja hemm indirizz ukoll l-Isvizzera kif ukoll il-Kanada. Dawn gew spjegati bil-mod kif issugerixxa l-attur.

Il-Qorti hija sodisfatta illi dina l-ispjegazzjoni illi ta l-attur hi probabilment vera. Jista' jaghti l-kaz illi meta kumpanija tkun multi nazzjonali din ikollha *distribution centres* mad-dinja kollha u jista' jaghti l-kaz ukoll, u hu probabbli, illi stante s-suq zghir ta' Malta, jista' ikun illi dan jigi *serviced* mill-Italja. B'daqshekk pero' ma jfissirx illi l-merkanzija tkun giet manifatturata l-Italja.

Il-Qorti wisq tissuspetta illi l-konvenuti kellhom rispensament wara li sar dan il-bejgh u peress illi sfuggielhom it-terminu moghti mid-"*Door-to-Door Salesman Act*" riedu jaraw kif jaghmlu biex ihassru dan il-bejgh, u bil-kemm mhumiex qeghdin jghidu illi gew defrawdati mill-attur. Pero' kif jghallimna d-dritt Ruman "*fraus est odiosa et non presumenda*". Il-konvenuti jridu jippruvaw illi fil-fatt sar frodi minn naha ta' l-attur meta rrakkomanda prodott illi fil-fatt ma kienx. Fil-fehma tal-Qorti l-konvenuti ma waslux biex gabu din il-prova u t-tezi ta' l-attur u l-provi migjuba minnu probabilment huma vera u l-qorti jidhrilha illi darba illi t-terminu koncess mid-"*Door-to-Door Salesman Act*" ghadda inutilment u ma giex ippruvat frodi minn naha ta' l-attur fis-sens illi gie suggerit f'din il-kawza, issa l-konvenuti ma ghandhomx triq ohra hlief illi jhallsu dan l-ammont mitlub fic-citazzjoni."

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

L-appellanti ippuntwalizzaw l-aggravji taghhom hekk:-

(a) Jissottomettu illi l-Ewwel Qorti skarat ghal kollox l-eccezzjoni li l-borom mixtrija minhom ma kienux tal-kwalita' pattwita stante li dawn ma kienux manifatturati l-Germanja. Il-fatt li l-appellanti xtaqu l-borom biss

jekk dawn kienu manifatturati l-Germanija gie ampjament ippruvat anke mix-xhieda tal-attur stess. Mill-banda l-ohra, l-istess attur ma gab ebda prova li dawn kienu manifatturata f'dan il-pajjiz. Kif dejjem irritenew il-Qrati taghna, il-post tal-origini ta' l-oggett mixtri huwa rekwizit essenzjali u jekk ma jkunx il-post li fuqu jkunu ftehmu l-partijiet, dan kellu jwassal ghal dikjarazzjoni li l-oggett ma kienx tal-kwalita' pattwita.

(b) Fit-tieni lok, l-Ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni zbaljata illi l-konvenuti kellhom ripensament wara li sar il-bejgh u peress illi kien sfuggielhom it-terminu moghti mid-Door to Door Salesmn Act, huma kellhom jaraw kif jaghmlu biex ihassru dan il-bejgh. L-appellanti jsostnu pero' li l-probi kollha prodotti juru l-kuntrarju ta' dan stante illi l-istess appellanti tant riedu jzommu l-borom li accettaw li jzommuhom wara li gew imwieghda mill-attur li ser ikollhom konferma bil-miktub li dawn kienu manifatturati l-Germanija. Din id-dikjarazzjoni pero' baqghet ma' waslet qatt.

Il-Qorti ma tarax illi dan it-tieni aggravju jolqot il-qalba tal-vertenza bejn il-kontendenti. Dan fis-sens illi anke jekk jigi accettat ghall-grazzja ta' l-argument illi dan l-aggravju kien korrett, dan bl-ebda mod ma jvarja l-konkluzjoni li waslet ghaliha l-Ewwel Qorti. Il-motivazzjoni rejali jew immaginarja li spingiet lill-appellanti biex jikkontestaw il-bejgh lilhom maghmul a bazi ta' l-allegazzjoni illi l-oggett lilhom konsenjat ma kienx

tal-kwalita' pattwita, kienet ghal kollox irrilevanti ghall-fini tad-determinazzjoni tad-domanda krucjali jekk bhala fatt kienx veru jew le li l-oggett kien tal-kwalita' miftiehma. Dana fis-sens illi fil-waqt illi r-raguni li spingiet lill-appellanti biex irrifjutaw l-oggett lilhom konsenjat setghet kienet rilevanti biex tispjega ghaliex agixxew b'dak il-mod, tali agir bl-ebda mod ma seta' jkollu effett naha jew ohra fuq ir-rejalta' tal-provenjenza ta' l-oggett in vendita'. Provenjenza illi l-provi kienu juru li l-attur kellu jissodisfa li kienet dik effettivament miftiehma. Infatti ma hemmx dubju illi l-appellanti kienu cari meta ghamlu l-ordni taghhom ma' rapprezentant tas-socjeta' attrici li l-borom kellhom ikunu manifatturati l-Germanja u li ma kienux interessati li jakkwistawhom jekk kien manifatturati f'xi pajjiz iehor.

Kien allura biss l-ewwel aggravju illi kellu ghalfejn jigi investigat minn din il-Qorti ghaliex kien dan illi isostni l-eccezzjoni ta' l-appellanti fil-mertu. L-Ewwel Qorti ezaminat sewwa l-provi prodotti f'dan ir-rigward u waslet ghall-konkluzjoni inekwivoka li kienet sodisfatta illi l-attur nomine pprova adegwatament il-provenjenza Tedeska ta' dawn il-borom. Dan l-apprezzament fattwali, l-Ewwel Qorti waslet ghalih wara li ezaminat id-dokumentazzjoni prodotta mis-socjeta' attrici fosthom zewg dikjarazzjonijiet tas-socjeta' Taljana AMC Italia, distributur ta' dawn it-tip ta' borom f'Malta. Minn dawn id-dikjarazzjonijiet jemergu s-segwenti punti importanti u nkontestati:-

(a) Illi din is-socjeta' Taljana hi biss distributrici ta' dawn il-borom u mhux il-manifattur taghhom. Is-socjeta' infatti tiddikjara illi:- "*La AMC Italia* *importa* *tutta la merce e quindi procede al confezionamento degli assortimenti che spedisce a clienti sia italiani che di altre nazioni.*" Dan ifisser illi l-pretensjoni ta' l-appellanti illi l-merkanzija hija ta' origini Taljana u giet spedita minn socjeta' Taljana hi ghal kollox nieqsa minn fondament ta' prova.

(b) Illi din is-socjeta' Taljana kienet id-distributur esklussiv ta' din il-kwalita' ta' borom f'Malta u illi minhabba c-cokon tas-suq ma kienx prattikabbli illi l-letteratura kollha relattiva ghall-bejgh tkun bil-Malti u kien ghalhekk li l-borom jintbaghtu Malta b'konfezjoni Taljana.

(c) Din l-istess socjeta' Taljan disributrici tiddikjara illi:- "*La maggior parte di prodotto commercializzati dalla AMC Italia Spa direttamente responsabile della commercializazzione anche nella Repubblika di Malta,* *sono fabbricati in Germania.*"

(d) Jirrizulta mid-dokumentazzjoni esebita illi s-socjeta' AMC International AG hija ditta Germaniza b'ramifikazzjoni internazzjonli li tissuplixxi l-prodotti taghha f'bosta pajjizi.

Din il-Qorti ma tara xejn azzardat fil-konkluzjoni ta' l-Ewwel Qorti illi l-prodotti manifatturati minn din is-socjeta' Tedeska joriginaw minn dak il-pajjiz u dan kellu jkun bizzejjed biex jissodisfa l-esigenza ta' l-appellanti illi l-borom in kwisjtoni kellhom ikunu provenjenti minn dak il-pajjiz. Sewwa jigi rilevat illi l-letteratura distribwita mal-borom mis-socjeta' Taljana li minn ghandha twasslu lill-appellanti, kjarament tindika illi l-*copyright* ghal dan il-materjal li jinkludi wkoll ktieb esklussiv tar-ricetti tat-tisjir li setghu jigu rejalizzati permezz ta' dawn l-utensili, hi esklussivament Tedeska kontrollata mill-"casa madre" tas-socjeta' AMC International AG b'indirizz kollu kemm hu Tedesk.

Ghandu wkoll jigi notat illi fiz-zminijiet tal-lum fejn in-negozju hu spiss kondott minn socjetajiet multi-nazzjonali jew minn socjetajiet nazzjonali ta' kobor tali li jikkonducu negozju f'diversi kontinenti, mhux eskluz li l-prodotti taghhom ikunu in parte ukoll prodotti barra mill-pajjiz pero' taht licenzja u kontroll tad-ditta produttrici. Meta dan ikun il-kaz, wiehed ma jistghax isostni illi l-prodott ma kienx manifatturat f'dak il-pajjiz ghaliex il-kontroll u l-verifika tad-ditta ghal dak li hu manifatturat f'pajjiz iehor taht il-licenzja taghha, ikun tali li jassigura l-kwalita' tal-prodott daqs li kieku

dan kien  qieghed jigi manifatturat fil-pajjiz proprju ta' l-origini.  Dan qed jinghad mhux ghaliex fil-kaz taht ezami hemm xi indikazzjoni ta' prova illi l-borom in kwistjoni setghu gew hekk manifatturati barra l-Germanja imma taht licenzja tas-socjeta' Germaniza – l–indikazzjonijiet huma infatti l-kontra – imma ghaliex hu gust li l-Qorti tippreciza illi l-provenjenza ta' prodott meta espressa bhala kondizzjoni tal-kwalita' tieghu ghall-fini tal-validita' tal-kuntratt tal-bejgh, kellha tigi interpretata u meqjusa fit-termini tar-rejaltajiet ekonomici mondjali, f'termini ta' globalizazzjoni tal-kummerc u tal-espansjoni transnazzjonali ta' l-industrija tal-manifattura.  Il-provenjenza allura kellha titqies aktar milli f'termini ta' lokalita, f'termini ta' kontroll ta' kwalita' li jassiguraw l-istandards u l-esigenzi mehtiega u mistennija minn pajjiz partikolari, f'dan il-kaz il-Germanja.

Konsidrata l-kwistjoni f'dawn it-termini wiesgha, din il-Qorti ma ghandhiex dubbju illi l-apprezzament li ghamlet l-Ewwel Qorti tal-provi prodotti kien wiehed korrett u li ma kien hemm xejn x'jindika li l-borom in kwistjoni konsenjati  mis-socjeta' attrici lill-konvenuti, anke jekk materjalment provenjenti mill-Italja, kienu certament mhux manifatturati l-Italja, kienu wisq probabbilment jekk mhux b'certezza manifatturati fil-Germanja u zgur illi kienu tal-produzzjoni ta' livell u kwalita' tali illi tissodisfa l-esigenzi tas-socjeta' Tedeska illi spedithom bhala prodott minnha manifatturat.  Inoltre, din il-Qorti tqis illi dan kollu kien jew seta'

facilment kien a konoxxenza ta' l-appellanti u dan il-fatt allura bl-ebda mod ma seta' jiggustifika r-rifjut taghhom li jaccettaw il-konsenjaw tal-borom lilhom maghmula skond l-ordni taghhom, una volta kien definittivament skada t-terminu li fiha huma setghu jirrifjutaw il-merkanzija fit-termini ta' l-artikolu 8 ta' l-Att Numru VII ta' l-1987. L-aggravju ta' l-appellanti ma jistghax allura jigi sostnut.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

Dep/Reg

cb